# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum it-Tnejn, 3 ta' Settembru, 2001**

**Appell Nru 21/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Farrugia**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Mario Farrugia tat-30 ta' Mejju, 2001, li permezz tieghu talab li jipproduci bhala xhud in difeza fl-istadju ta' appell lil Carmel Briffa Junior, u dan peress li, skond l-istess rikorrent appellant, jezistu c-cirkostanzi msemmija fil-paragrafu (a) ta' l-Artikolu 424 tal-Kodici Kriminali;

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali tas-26 ta' Gunju, 2001;

Rat in-nota ta' replika tal-appellant Farrugia tas-6 ta' Lulju, 2001;

Semghet, fl-udjenza tad-19 ta' Lulju, 2001, lill-appellant Mario Farrugia jixhed dwar ic-cirkostanzi minnu msemmija fl-istess rikors, u cioe` li hu sar jaf li l-msemmi Carmel Briffa kien ra xi haga li tista' tkun relevanti ghall-meritu tal-kaz <u>wara</u> li nghatat is-sentenza li minnha qed isir l-appell odjern, u dana sar jafu kazwalment (dejjem skond id-deposizzjoni ta' l-appellant) waqt li kien qed jiehu flixkun birra fil-kazin fejn inserta li kien hemm dana Briffa u gie d-diskors dwar il-kaz;

Rat il-verbal ta' l-udjenza tad-19 ta' Lulju, 2001;

Peress li *prima facie* jikkonkorru r-rekwizi tal-imsemmi paragrafu (a) ta' l-Artikolu 424 tal-Kodici Kriminali, tilqa' t-talba tar-rikorrent appellant u konsegwentement tammetti lill-imsemmi Carmel Briffa bhala xhud (li ghandu jigi ngunt ghall-udjenza li jmiss, u ghal dana l-fini l-appellant ghandu minnufih jaghti l-indirizz ta' l-imsemmi Carmel Briffa lill-ufficjal responsabbli mill-*principal citations office* tal-pulizija), b'riserva tad-dritt ta' l-Avukat Generali li jekk ikun il-kaz u jekk irid igib prova jew provi biex jirribatti l-prova gdida li l-appellant irid jaghmel permezz tal-imsemi Carmel Briffa.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur